# ID-DUKA U DUKESSA TA' EDINBURGH JINAWGURAW MAFKAR F'ĠIEĦ IL-BAĦRIN TAS-SOTTOMARINI U JŻURU L-EKS RESIDENZA RJALI VILLA GUARDAMANGIA

Heritage Malta

**Stqarrija | 11 ta' Ottubru 2024**

Bħala parti minn żjara ta' erbat ijiem f'Malta, biex jitfakkar is-60 anniversarju tal-indipendenza tal-gżira, id-Duka ta' Edinburgh, il-Prinċep Edward, u martu Sophie, id-Dukessa ta' Edinburgh, żaru ħames siti ta' Heritage Malta.

Iż-żjara, li tabilħaqq tirrifletti r-relazzjoni soda sostnuta bejn Malta u r-Renju Unit wara 164 sena ta' ħakma kolonjali Ingliża, bdiet nhar it-Tnejn bil-merħba tal-koppja rjali mill-President ta' Malta, l-E.T. Myriam Spiteri Debono, u żewġha fil-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta.

Id-Duka u d-Dukessa żaru siti ddedikati għar-rwol ta' Malta fit-Tieni Gwerra Dinjija, fosthom il-Forti Sant' Iermu u l-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra, fil-Belt Valletta nhar it-Tlieta, fejn inawguraw 'Submariners' Walkway'. Dan il-passaġġ ġdid ta' tifkira jagħti ġieħ lill-baħrin ta' sottomarini li tilfu ħajjithom fil-baħar lil hinn minn Malta jew waqt li kienu qed iservu mill-gżira matul il-gwerra. Fih monumenti għal HMS Urge, HMS Olympus, u HMS Upholder kif ukoll plakka tal-irħam bil-lista sħiħa ta' sottomarini li għerqu. B'veduta tal-Port il-Kbir, l-ispazju jipprovdi ambjent seren u xieraq għall-viżitaturi u l-familji tal-vittmi biex jirriflettu fuq is-sagrifiċċji kbar ta' dawk li tilfu ħajjithom. Il-preżenza ta' xi membri tal-familja kif ukoll eks membri tal-ekwipaġġ tat-tieni Upholder kompliet tkattar it-tifsira tal-okkażjoni.

Wara l-inawgurazzjoni, il-koppja rjali rat il-George Cross fl-Orderly's Room fil-Forti Sant'Iermu, fejn ġie enfasizzat is-sinifikat tal-unur mogħti lill-poplu Malti fl-1942 mir-Re Ġorġ VI għall-qlubija waqt l-assedju tal-gżira. Kommemorazzjoni fuq il-baħar ftit 'il barra mill-Port il-Kbir għalqet din l-okkażjoni. Id-Duka u d-Dukessa u dinjitarji oħra qiegħdu kuruni tal-fjuri biex ifakkru lil dawk li tilfu ħajjithom fl-ibħra territorjali ta' Malta fiż-żewġ gwerer dinjin. Minbarra kuruni għat-tliet servizzi ewlenin – ir-Royal Air Force, ir-Royal Navy, u r-Royal Fleet Auxiliary – tpoġġiet ukoll kuruna b'tifkira tal-Maltin li servew u tilfu ħajjithom. Iż-żjara kompliet b'mawra fil-Mużew Marittimu ta' Malta fil-Birgu u aktar tard f'MUŻA, il-Mużew Nazzjonali tal-Arti tal-Komunità fil-Belt Valletta.

Nhar l-Erbgħa, il-koppja rjali żaret Villa Guardamangia, sit ta' importanza personali u storika billi din kienet id-dar tar-Reġina Eliżabetta II u d-Duka ta' Edinburgh matul iż-żmien tagħhom f'Malta bejn l-1949 u l-1951. Il-villa bħalissa għaddejja minn proġett estensiv ta' restawr, li għalih għadha kif tħabbret għotja ta' €10.2 miljun permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR). L-ewwel fażi tal-proġett tinvolvi x-xogħol strutturali u ta' restawr, u t-tieni fażi se tiffoka fuq dettalji interni u

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

toħloq esperjenza immersiva għall-viżitaturi. Ladarba l-villa tiġi restawrata, se ssir rikostruzzjoni storika tal-ewwel sular biex jitgawda kif kien meta l-koppja rjali kienet toqgħod fih, u jenfasizza l-esperjenza umana tagħhom f'Malta.

Noel Zammit, Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, ikkummenta hekk dwar din l-okkażjoni: "Din iż-żjara rjali fis-siti storiċi tagħna tenfasizza r-rabta profonda u dejjiema bejn Malta u r-Renju Unit, u tqiegħed taħt il-lenti l-istorja li ż-żewġ nazzjonijiet jaqsmu ma' xulxin. Heritage Malta hija impenjata li tippreserva dan il-wirt u li tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu japprezzaw is-sinifikat storiku u kulturali tiegħu.".

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta